Kunsill Lokali Mġarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt url : www.mgarr.gov.mt

# Seduta numru 24 tas-Sitt Leġislatura
# Illum it-Tlieta, 8 ta' Marzu 2011

## MINUTI

Il-Membri eletti fl-elezzjonijiet lokali ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv fil-5.30p.m. fuq l-Aġenda segwenti:

1. *Approvazzjoni tal-Minuti*
2. *Korrispondenza*
3. *Komunikazzjonijiet*
4. *Tenders*
5. *Rapport dwar il-Laqgħa Ġenerali Annwali*
6. *Festa Frawli 2011*
7. *Affarijiet Mixxellanji*

## PREŻENTI

Kienu preżenti s-Sindku Paul Vella, il-Viċi-Sindku Eman Vella, il-Kunsillier Clayton Gauci, Il-Kunsillier Giovanni Gatt u s-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli.

Il-Kunsillier Maria Said kienet skużata.

Il-laqgħa giet immexxija mis-Sindku Paul Vella.

## 1 Minuti

*Approvazzjoni tal-Minuti*

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

Kunsill Lokali Mġarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt url : www.mgarr.gov.mt

*Punti mill-Minuti*

1.2 Is-Sur Clayton Gauci rrapporta dwar il-laqgħa li kellu mas-Sur Stefan Caruana dwar kors teatrali. Il-Kunsill qabel li jsiru l-preparamenti neċċessarji biex dan il-kors isir matul is-sajf li ġej.

1.3 Is-Sindku rrapporta kif, wara diversi rapporti u diversi diskuzzjonijiet mal-individwi taż-żona ta' Binġemma, u wara li l-Kunsill irċieva rapport mid-Dipartiment tal-Indafa Pubblika, il-Kunsill ħa azzjoni mmedjata dwar dan ir-rapport u Giovanni Gatt kellem lill-individwi. Wara dan, din iż-żona tnadfet immedjatament.

**2 Korrispondenza**

2.1 Il-Kunsill innota l-korripondenza mill-MEPA.

2.2 Il-Kunsill innota wkoll ir-rapporti li daħlu fis-sistema tal-*Customer Care*.

2.3 Korrispondenza mingħand l-Awtorita' tad-Djar dwar finanzjament lil Kunsill taħt l-iskema '***Nsaħħu l-Kommunita', Riġenerazzjoni fl-Oqsma tal-binjiet tal-Gvern***'. Il-Kunsill ser jirċievi massimu ta' €75,000 fis-sena 2012.

2.4 Korrispondenza dwar il-*European Cities Against Drugs*. Il-Kunsill ra li għalkemm jappoġġa din l-inizzjattiva, ma kienx interessat ikun membru.

2.5 Korrispondenza minghand il-*Malta Cycling Federation* dwar *wardens* għall-waqt it-Tour ta' Malta. Il-Kunsill qabel li jilqa' din it-talba u jmexxija lil Kumitat Kunġunt tat-Tramuntana.

2.6 Korrispondenza dwar il-programm Interreg IVC, li l-Kunsill iddeċieda li mhux interessat fih.

2.7 Korrispondenza mingħand Alf. Mizzi & Sons dwar bejgħ ta' prodotti waqt Festa Frawli. Il-Kunsill qabel li jappoġġa bejgħ ta' prodotti lokali waqt l-attivitajiet tiegħu.

2.8 Korrispondenza mingħand it-TCTC dwar il-proġett Etfal. Il-Kunsill ddeċieda li jkun aktar konvenjenti li jingħata prezz għall-kull persuna aktar milli *lump-sum*.

2.9 Korrispondenza mingħand is-Sur Hugh Arnett dwar l-immanniġjar tat-traffiku fi Triq Sir Harry Luke. Is-sindku semma' l-problemi tat-traffiku fl-Imġarr u nnota li jekk ma tinfetaħx it-triq minn Triq San Pietru u Triq il-Konkors Teatrali, il-problemi tat-traffiku ser jippersistu.

**Kunsill Lokali Mġarr**
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt url : www.mgarr.gov.mt

## 3 Komunikazzjonijiet

3.1 Is-Sindku rrapporta li kien sar xogħol ta' tħaffir ta' toqba fi Triq iċ-Ċimiterju, peress li d-*drain* tal-katusa tal-ilma kienet instadtet. Saret ukoll tappiera biex f' każ li din terġa' tinstadt, ikun aktar faċli li jsir xogħol fuq il-post.

3.2 Is-Sindku informa wkoll li kienet intbgħatet ittra lil-Transport Malta biex tinforma li r-resident kienu jixtiequ li l-livelli tal-bini fi' Triq Santa Marija jibqgħu kif inhuma. Dan wara diskussjoni li s-Sindku stess kellu mal-periti ta' din l-entita'.

3.3 Is-Sindku nforma li kien ser jiġi organizzat kors fil-'*Food Handling*' minn rappreżentanti tal-E.T.C. Dan ser isir imminentement u l-Kunsill ser ikun qed jagħmel promozzjoni għalih.

## 4 *Tenders*

4.1 Dwar it-tender tal-PPP, il-Kunsill irċieva ir-rapporti tal-perit. Is-Segretarju Eżekuttiv ser ikun qed isejjaħ laqgħa mad-dipartiment tal-Gvern Lokali dwar dan.

## 5 Laqgħa Ġenerali Annwali

5.1 Is-Sindku rraporta kif 2 membri biss mill-Kunsill kienu preżenti għall-Laqgħa Ġenerali Annwali. Għalkemm l-attendenza mill-pubbliku ma kinitx waħda kbira, xorta kien hemm diskussjoni fejjieda u tqajjmu diversi punti ta' interess.

## 6 Festa Frawli 2011

6.1 Ġew diskussi l-preparamenti li saru u li għad hemm bżonn li jsiru għall-organizzazjoni ta' Festa Frawli fl-10 t' April. Ser tissejjaħ laqgħa ma' Transport Malta biex jiġi organizzat 'Park & Ride' minn u lejn Ta' Qali. Is-Segretarju Eżekuttiv ser ikun qed isejjaħ laqgħa mal-pulizija tal-Mosta.

## 7 Affarijiet Mixxellanji

7.1 Is-Sur Eman Vella semma li s-Sa. Jeanette Borg, tal-Merill Eco-Tours qed tipproponi li grupp ta' żgħazagħ jiġu nvoluti f' tindif ta' żoni fl-Imġarr. Il-Kunsill qabel u kkonferema li jkun ser jipprovdi skip għal matul dan it-tindif.

7.2 Is-Sur Eman Vella rraporta wkoll kif il-claims tal-proġetti Biolmed u Cypfire tal-Med kienu waslu biex jiġu mgħoddija lill-PPCD fi' ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Kien jonqos biss li dawn jiġu ċċertifikati mill-accountant tal-Kunsill.

7.3 Ġie deċiż li l-Festival Ħidmiet Missirijietna kien ser jitella' il-Ġimgħa 17 ta' Ġunju 2011.

7.4 Il-Kunsillier Giovanni Gatt semma' kif seta' jsir tħawwil ta' siġar f' żoni ta' Wied Binġemma. Il-Kunsill qabel u s-Sindku ppropona li jitħawwlu siġar tal-Ballut.

7.5 Il-Kunsillier Giovanni Gatt għandu jikkonsulta mal-lista ta' xogħlijiet fuq il-bozzoz biex ix-xogħol isir, speċjalment fuq 4 minnhom li huma l-aktar urġenti.

**Aġġornament**

Il-laqgħa ntemmet fit-8.00pm.

Is-Sindku sejjaħ laqgħa oħra nhar it-Tnejn, 28 ta' Marzu 2011, fil-5.30pm.

***Cyprian Dalli***
Segretarju Ezekuttiv

***Paul Vella***
Sindku

3

# Kunsill Lokali Mgarr

## Paid Payments Still To Be Confirmed

**From Date** **16.02.2011** **To Date** **08.03.2011**

| Ref No | Payment | | Amount € | Account No. |
|---|---|---|---|---|
| 8694 | Nancy Abela | Wk5-8 2011 - Cleaning Services | 391.40 | |
| 8695 | Hugh Arnett | Wk5-8 2011 - Traffic Management Cons. | 86.00 | |
| 8696 | Cancelled | Cancelled | 0.00 | |
| 8697 | Al-Nibras | Cypfire - Scientific Material | 996.07 | |
| 8698 | Colour Image | Dec 2010 - Migbha | 1732.50 | |
| 8699 | ORME | Cypfire - Scientific Material | 1924.80 | |
| 8700 | Abela Groceries | Groceries | 56.55 | |
| 8701 | Add & Alt | Sundries | 568.93 | |
| 8702 | Anthony Vassallo | Hire of Skip for Cemetry | 82.60 | |
| 8703 | Anthony Vassallo | Dustbins for Tennis Court | 60.00 | |
| 8704 | BD Constructions | Works in Triq is-Santi | 873.00 | |
| 8705 | Commune Living | Sport Sajf 2010 - Expenses | 440.00 | |
| 8706 | Charles Grech | Stairs for Crafts Room | 285.00 | |
| 8707 | Izda | Xmas Cards | 10.00 | |
| 8708 | MFCC | Winter Tastes 2010 - Hire of Tent | 3540.00 | |
| 8709 | MAV Supplies | Dec 10 - Sundries | 112.45 | |
| 8710 | Mgarr Farmers | Roundup | 118.80 | |
| 8711 | Michael Galea | Dec 2010 - Fuel for Council Vehicle | 501.89 | |
| 8712 | Mifsud Ironmongery | Sundries | 254.00 | |
| 8713 | Shamba | Groceries | 184.45 | |
| 8714 | Ta' Falzon | Hire of Tower Ladder for Xmas Decos | 377.60 | |
| 8715 | Vella Supermarket | Gieh Mgarr - Drinks | 59.40 | |
| 8716 | Victor Mifsud | Construction Material for Triq il-Karamelli | 353.46 | |
| 8717 | Comm. Inland Revenue | Wk5-8 - Tax & N.I. | 1019.80 | |
| 8718 | Mgarr Local Council | Feb 11 - Petty Cash | 115.91 | |
| 8719 | Louis Padovani | Biolmed - Accountancy Services July - Sept 2009 | 870.25 | |
| 8720 | Louis Padovani | Biolmed - Accountancy Services April - Sept 2010 | 1740.50 | |
| B. Transfer | Paul Vella | Wk5-8 - Honoraria | 395.57 | |
| B. Transfer | Administrative Staff | Wk5-8 - Salaries | 3136.54 | |
| B. Transfer | Handymen | Wk5-8 - Salaries | 2516.00 | |
| | | | 22803.47 | |

**Approved on 08.03.2011 € 22803.47**

Councillors: